**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta’ Ta’ Xbiex**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 25

**09, ta’ Gunju 2021**

**Il-Kunsill Lokali ta’ Ta’ Xbiex iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta’ Xbiex XBX1150, fil-ħamsa u nofs ta’ filgħaxija.**

**PREZENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Oriana Calleja – Viċi Sindku**
**Ronald Portelli - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.

## 25.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

25.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kulħadd kien preżenti għal-laqgħa, għaldaqstant ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

25.2.1 Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni.

Ma kienx hemm korrezzjoni.

## 25.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

25.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Oriana Calleja ipproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti issekondat.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

## 25.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

Is-Sindku ta' spjegazzjoni ġenerali fuq xogħol varju li sar wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Semma' ukoll kif bosta materji se jiġu diskussi fil-punti tal-aġenda matul din l-istess laqgħa.

25.4.1 Is-Sindku qal li jixtieq jagħmel bye law li tirregola l-gabbani li jiġu ġewwa Ta' Xbiex. Huwa qal li flimkien mal-Kunsillier Eugenio Muscat marru jitħaddtu ma avukat fuq din il-bye law. L-avukat qal li rridu naraw liem gabbani jistgħu jidħlu u importanti ħafna li kollox issir trasparenti mal-Kunsill. B'din il-bye law ikunu nistgħu nirregolarizzaw il-gabbani kollha u kulħadd jimxi fuq l-istess struttura u jipparkjaw f'area li jiddeċiedi l-Kunsill. Huwa qal li l-avukati issuġġerew li din il-bye law jsegwuha ukoll it-Transport Malta u Trade Licence Department.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat issuġġerixxa li fil-bye law ikun hemm punt li l-permess ma jistax jwellieh lil ħaddieħor. Is-Sindku qal li huwa punt tajjeb iżda jitniżżel fil-kuntratt li jrid jibda jkollhom mal-kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku stqarr kif issa li dħalna fis-sajf, il-Kunsill qed jaffaċċja diversi talbiet għal gabbani.

25.4.2 Is-Sindku qal li kelmu l-ewwel owner tal-gabbana li hemm ħdejn il-Black Pearl li illum il-ġurnata hemm il-gabbana tal-Falafel str. Din il-gabbana għadha qed tirrispondi lil owner ta' qabel, jiġifieri l-istess wieħed li l-kunsill kien ħareġ permess biex ikun jista jibda jopera. Huwa qallu li l-art hija tiegħu u għandu permess mil-lands Huwa qallu ukoll li din il-gabbana kien biegħha lis-Sid tal-gabbana Falafel str li hemm preżenti bħalissa. L-owner tal-gabbana tal-Falafel str jixtieq li jkun regolarizżat mal-entitajiet ikkonċernati. Biex jagħmel dan l-Awtorita' tal-Ippjanar qalulu li l-ewwel rrid iġib no objection minn naħa tal-kunsill.

Is-Sindku qal li jaqbel li noħorġulu n-no objection iżda rridu niktbu ukoll u nikwotawhom li huma qed jgħidu li għandhom permess mil-lands u qed jitolbu no objection biex jkollhom il-permessi kollha kif qed titlobhom l- Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Viċi Sindku Oriana Calleja qalet ukoll li ma ssibx oġġezzjoni biex tinħareg no objection.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li qabel ma ntuh in-no objection, għandna nitolbuh il-permess li qal li għandu mil-Lands Department.

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li hija ma ssibx oġġezzjoni biex toħrog in-no objection imma naraw li nistgħu nillimitawh minn kemm jista joħrog siġġijiet u mwejjed. Il-Kunsillier Ronald Portelli qabel.

Il-Kunsill ddecieda li jekk dan iġib provi li vera għandu permess mingħand il-Lands Department, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li tintbagħtlu n-no objection.

## 25.5 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

25.5.1 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti saqsiet kemm il-Tender għamel s'issa l-contracts manager. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s'issa għamel 2 draft tenders. Wieħed tal-electric vehicle u ieħor tal- ismart bins. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li dalwaqt tqabdu biex jagħmel żewġ tenders oħra li skadew.

25.5.2 Il-Kunsillier Eugenio Muscat saqsa jekk is-Sur Michael Mifsud li huwa l-Contracts Manager tal-Kunsill kien telaqx minn Agent Segretarju Eżekkutiv minn Santa Venera minħabba li fil-kuntratt kellu miktub li l-Kunsill ma jixtiqux jibqa jopera f'kunsill ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan għadu jaħdem f'kunsill ieħor iżda peress li aħna ma kellimniehx qabel ma għaddietlu l-probation ma tistax twaqfu.

## 25.6 Traffic Management;

25.6.1 Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsilliera Eugenio Muscat, Ronald Portelli u s-Segretarju Eżekuttiv Yasmine Tonna marru Triq l-Insieġ minħabba li r-residenti infurmawna li wara li żiedna l-parking u għamilnieh in-naħa l-oħra ġiet naqa perikoluza u bdew jissuġġerixxu li tiġi one-way titla l-fuq.

Il-Kunsill iddeċieda li Triq l-Insieġ ssir one way titla l-fuq iżda l-parti ta' wara Blk B2 nħalluwha two way u jeħlu t-tabelli li hemm bżonn. Gie maqbul ukoll li din se tkun fuq prova u jekk jerġgħu jidħlu rapporti din terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

25.6.2

Is-Sindku qal li avviċinawh xi residenti li joqodu St Paul's Mansions fejn infurmawh li dan l-aħħar meta qed jipparkjaw quddiem il-garaxx tagħhom qed jiġu mħarrka minħabba li qed jipparkjaw parti mil-vettura tagħhom fuq il-bankina.Is-Sindku qal li dawn ilhom snin twal li dejjem kienu jipparkjaw hemmhekk. Is-Sindku qal li nistgħu nikkunsidraw li nagħtu permess lill-owners tal-garaxx fejn iwaħħlu tabella li jistgħu jipparkjaw huma biss.

Il-Kunsilliera Louise Cachia Castelletti, Eugenio Muscat u Oriana Calleja ma qablux minħabba li dawn jistgħu joħolqu periklu għan-nies li jkunu għaddejin minn fuq il-bankina u għandhom area kbira fejn wieħed jista jipparkja ukoll.

Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta minħabba li nistgħu noħolqu periklu lil ħaddieħor.

25.6.3 Il-Kunsill iddeċieda li dak id-dotted line abjad li hemm quddiem il-garaxxijiet jitneħħa ukoll.

Is-Sindku fakkar li kienu iddiskutew li Triq ix-Xatt u Triq ir-Rampa isiru one way. Huwa staqsa jekk għadhomx bil-ħsieb u jekk jaqblux li din issir minħabba li t-triq fi żmien qasir se tinqala minn naħa tal-Infrastructure Malta. Għaldaqstant jekk kulħadd jaqbel nilħqu nkelmu lil Transport Malta.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat fakkar li kif kien ġie diskuss fil-Kunsill u maqbul,Triq ix-Xatt tiġi one way mil-Gzira għal l-Imsida u minn ikun ġej min naħa tal-Imsida jitla minn Triq ir-Rampa u kif tispiċċa kollha terġa tinżel Triq ix-Xatt. Jiġifieri Triq ix-Xatt tiġi one way biss it-tul ta' Triq ir-Rampa.

Il-Kunsill qabel unanimament li nkellmu lit-Transport Malta.

Is-Sindku qal li ħdejn Royal Malta Yacht Club talbuh biex issir sleeping police eżatt kif tidħol fil-car park.

**25.7** Il-Kunsill qabel unanimament.

25.7.1 **Skemi;**

Is-Sindku qal li hemm skema tal-WiFi4EU u saqsa lis-Segretarju Eżekuttiv biex tispjega fuq din l-iskema. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rridu nagħżlu 15 il-post fejn nistgħu ninstallaw wifi. Is-Sindku qal li huwa tajjeb li naħsbu fejn konna ġejna mitluba li ninstallaw cameras biex nagħmlu Wifi Spot fil-viċinanza. Wara diskussjoni l-kunsill qabel li jiġi installat Wifi fi Triq ix-Xatt fuq il-bajja, Triq ix-Xatt ħdejn il-funtana, 2 fil-carpark tal-Yacht Marina, Vjal Sir Temi Zammit fuq zuntier tal-knisja, Triq Prinċipessa Margerita ħdejn il-funtana tat-tmun u ħdejn il-bus stop, Triq Abate Rigord bejn Blk B5 u Blk D5, 2 Triq il-

25.7.2 Watar, 2 Triq il-Kosbor, 2 Triq Emanuel Galizia.

Is-Sindku qal li qed nirċievu diversi e-mails biex nagħżlu ħames postijiet fejn l-aħjar li jsiru

charging points. Huwa spjega li għalkemm m'għadx hawn ammont kbir ta' karozzi elettriċi, xorta waħda dejjem qed tikber id-domanda għalihom. Għaldaqstant jemmen li għandna nagħżlu 5 postijiet fejn l-aħjar jsiru għax il-quddiem żgur se jkun hemm bżonnhom.

Wara diskusjoni L-Kunsill iddeċieda li jsiru:
Triq Testaferrata n-naħa ta' fuq
Triq ix-Xatt quddiem l-Belvedere
Triq ix-Xatt fejn hemm is-siġra in-naħa tal-Gżira
Triq il-Watar ħdejn it-telephone box
Triq Abate Rigord in-naħa t'isfel lejn l-Imsida

25.7.3

Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fl-iskema li ħarġu Reġjun Centru biex ngħinu lill-għaqdiet. Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li sal-ġimgħa dieħla l-kappillan f'isem il-parroċċa għandu jtina risposta. Gie deċiż li jekk sal-ġimgħa dieħla ma jtiniex risposta se ngħinu lill-klabb tal-futbol ta' Ta' Xbiex, inkluż it-tim tal-futsal ta' Ta' Xbiex li din is-sena marru tajjeb ħafna.

25.7.4

Is-Sindku saqsa lill-Kunsillier Louise Cachia Castelletti jekk irċevitx xi risposta rigward Gemellaġġ ma Kavala ġewwa l-Greċja. Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li meta ċemplitilhom kienu interessati iżda qaltilhom biex jibgħatu e-mail imma s'issa baqaw ma bagħtu xejn. Hija spjegat li fuq telefon jidhru li huma interessati iżda kemm il-darba bagħtitielhom e-mail u qatt ma wieġbuha. Is-Sindku fakkar li d-deadline hija 22 ta' Gunju u hemm bżonn ngħafsu naqa biex nlaħħqu.

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li se tkompli tiġri warajhom iżda taħseb li s-Sindku tagħhom jdum hafna biex jagħti risposta

## 25.8

## Analizi ta' Kuntratti;

25.8.1

Is-Sindku qal li l-proġett tal-electro mobility irid jiġi implementat fi żmien sena, Il-Contratcs Manager Michael Mifsud prepara t-tender u lest biex jiġi uploaded fis-sistema tal-ePPS. Huwa spjega li s-Segretraju Eżekuttiv għad trid tieħu l-kors ta' kif ittella tender fuq is-sistema u minħabba ż-żmien se nkunu qed nqabdu lil xi ħadd privat biex itellaw fuq is-sistema biex ma jgħaddix iktar zmien u nidħlu fir-riskju li nitilfu l-fondi.

Il-Kunsill qabel.

## 25.9

## Pending Matters;

25.9.1

Is-Sindku qal li bħal ma jaf kulħadd fil-lokalita' għandna problema bl-ammont ta' ħamiem u m'għandniex kontroll fuq dawk li jalfuhom. Huwa qal li l-AKL se tkun qed tiffinanzjalna ikel f tal-ħamiem li tnaqqas il-produzzjoni tagħhom u importanti ngħidu li din hija approvata minn Animal Welfare. Is-Sindku qal li l-AKL trid li aħna noħorġu ukoll bye law fejn tgħid li ħadd ma jista jitma lill-ħamiem jekk mhux nies professjonali.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 25.10

## Dwal ix-Xatt;

25.10.1

Is-Sindku qal li waqt laqgħa tal-kunsill kien ġie deċiż li nqabbdu electrician biex jipprova jsib il-fault li hemm fid-decorative lights fil-Yacht Marina car park. Huwa kien spjega li kien

diġa ġab xi kwotazzjonijiet u l-irħas li kien sab għamel qbil miegħu li jiġi fuq il-post jara jekk jaqbadx il-kaptu u jekk ikun hemm spiza ikbar minn €400 jinfurmana qabel ma jkompli t-tiswijiet tiegħu.

Is-Sindku spjega li l-electrician kien ġie fuq il-post u sab il-fault minn fejn kien ġej. L-electrician spjegalu li kien hemm żewg fanali li kellhom faults differenti li kien qed jitfi l-fanali kollha. Biex insolvu l-problema huwa diskonnektja dawn iż-żewg fanali u b'hekk issa l-kumplament tal-fanali jinsabu mixgħulin.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li fil-fehma tiegħu din l-ispiża għandha tagħmilha l-kumpanija privata Creek Mansions minħabba li din hija responsabilita' tagħhom li dan id-dawl ikun mixgħul. Huwa qal li din l-informazzjoni ġaba mil-Ministru Miriam Dalli wara li huwa kien għamel mistoqsija parlamentari u qalet ukoll li qedin f'diskussjonijiet mal-kumpanija privata. Is-Sindku qal li mal-Creek Developments għandna agreement li kull sena ituna €6000 għall-maintenance and upkeep. Għaldaqstant huwa jemmen li l-electrician għandu jitħallas mil-flus tal-kunsill.

Il-Kunsillier Ronald Portelli qal li huwa jaħseb li dawn il-flus intnefqu tajjeb minħabba li kien hemm ħafna dlam u konna qed nirċievu ammont kbir ta' rapporti.

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li l-unika ħaġa li qed tinkwietha hija li l-quddiem jerġa jkun hemm ħsara simili u jippretendu li l-Kunsill jagħmel din l-ispiża. Is-Sindku qal li nistgħu niktbu e-mail fejn ninfurmawhom li din id-darba l-kunsill ħallas l-ispejjez li kien

**25.14** hemm imma hekk jerġa jinqala tkun responsabilita' tagħhom li jsewwu t-tiswijiet.

25.14.1 **Online Permits;**

Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv gabet tlett kwotazzjonijiet u l-irhas li kienet hija tas-Sa Annalise Duca. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-maġġoranza tal-kunsilli jaħdmu biha u kien hemm min kien ma kumpanija oħra u xorta waħda wara qabdu lilha.

**25.15** Il-Kunsill qabel unanimament li nqabbdu lis-Sa Duca biex tagħmlilna din is-sistema.

25.15.1 **Panelli Blk E1;**

Is-Sindku qal li s-Segretajru Eżekuttiv infurmatu li peress li fuq il-binja tal-kunsill hemm penthouse m'għandniex permess li nagħmlu panelli. Fuq il-kuntratt tax-xiri tal-propjeta' tal-kunsill kull ma għandna mniżżel huwa li jkollna servizz tat-tank tal-ilma u aerial.

Il-Kunsill Eugenio Muscat issuġġerixxa li minflok inneħħuwhom aħna u nidħlu fi spiża nofruhom lilhom u jekk irridu jsewwuhom u jużawhom għal-ispejjez tagħhom.

Is-Sindku qal li qabel ma noffruhom lilhom naraw kemm tiġi l-ispiza biex inneħħuhom u npoġġuhom x'imkien ieħor. Hekk l-ispiża ma tkunx esaġerata naraw jekk hemmx xi

**25.16** residenti li huma lesti li jaċċetaw li l-arja tal-bejt tagħhom tiġi bil-pannelli.

25.16.1 **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

Il-Kunsillier Eugenio Muscat ġibed l-attenzjoni li Triq ir-Rampa saret kollha arbli b'daqs differenti u m' hemmx organiżżazzjoni. Għaldaqstant qed jissuġġerixxi li la darba se tinqala Triq ix-Xatt nistgħu nieħdu l-opportunita' li ngħaddu id-dawl minn taħt it-triq.

Il-Kunsill qabel unanimament.

25.16.2

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li ma qabel xejn li ma saritx objection għal permess li nħareg mil-Awtorita' tal-Ippjanar fil-Gnien tal-Ewropa. Il-Kunsilliera Ronald Portelli u Louise Cachia Castelletti ukoll qalu li xtaqu li ssir l-objection.

Is-Sindku qal li huwa xtaq li qabel ma kienet ssir l-objection konna niddiskutu qabel iżda kien hemm wisq żmien qasir. Huwa żied li qed jifhem li se jkun hemm binja imma jemmen li l-ġnien se jingħata lill-privat li huwa obbligat li jħallieh miftuħ għal-pubbliku, Allura fl-aħħar mil-aħħar ir-residenti se jiggwadanjaw xorta.

## 25.17

## Rapporti mill-Kunsilliera;

25.17.1

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li kien hemm caravans fi Triq ir-Rampa. Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li huwa għamel rapport il-pulizija u kellhom ikellmuhom. Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li l-liġi nbidlet u jekk il-caravans ikunu mqabdin ma karozza jistgħu jibqgħu fuq il-post.

Is-Sindku qal li jekk naraw li din se tibda tkun problema jsiru xi tabelli.

## 25.18

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;

Il-laqgħa li jmiss ha ssir l-Erbgħa 21 ta' Lulju fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

Il-laqgħa intemmet fid-disgħa ta' filgħaxija.

Konfermati llum l-Erbgħa 21 ta' Lulju, 2021.

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| __________________ | __________________ |
| Max Zammit | Yasmine Tonna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |